MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-27 ta' April, 2005

Appell Kriminali Numru. 274/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

**Robert Cilia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Robert Cilia talli:

1) F'dawn il-Gzejjer fit-22 ta' Marzu 2004 fis-7.24 a.m., fit-8 ta' Marzu 2004 fid-9.57 p.m., u fl-10 ta' April 2004 fit-3.40 p.m., għamel uzu minn sistema jew apparat ta' telekomunikazzjoni provduti minn provditur awtorizzat ghal xi ghan li ma jkunx dak li ghalih gie provdut jew naqas milli josserva dawk l-istruzzjonijiet li jinhargu minn provditur awtorizzat ghall-uzu sew tas-sistema tat-

telekomunikazzjonijiet jew taghmir jew ghamel uzu minnu mhux sew;

2) Fl-istess dati w hinijiet dejjaq lil martu Isabella Cilia;

3) U aktar, fl-istess dati w hinijiet offenda u ngurja bi kliem lil martu Isabella Cilia;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 ta’ Novembru 2004, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Robert Cilia hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkunndannatu ghall-hlas ta’ multa ta' ghoxrin liri Maltin (Lm20);

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Robert Cilia pprezentat fit-3 ta’ Dicembru 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah mill-htija u mill-kundanna imposta fuqu;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fis-seduta tallum stess gie dikjarat mid-difensur ta' l-appellant u mid-difensur tal-*parte civile* li kienet prezenti wkoll fl-Awla, li l-konjugi Cilia ghamlu kuntratt ta' separazzjoni u li Isabelle Cilia, mart l-appellant kienet qed tirrinunzja ghall-azzjoni kriminali kontra zewgha.

Effettivament it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat huma rinunzjabbli u ghalhekk din il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom.

Kwantu ghall-ewwel imputazzjoni dedotta taht il-provvedimenti ta' l-artikolu 35(1)(d) tal-Kap. 399, il-piena hi ta' multa ta' mhux izjed minn ghaxart elf liri Maltin (Lm10,000). Dan mhuwiex reat rinunzjabbli.

Fic-cirkostanzi prezenti pero`, u cioe` fejn jidher li l-konjugi Cilia ghamlu kuntratt ta' separazzjoni u ftehmu anke li jirrinunzjaw ghal kull azzjoni kriminali li hemm pendenti, u anke in vista ta' dak li gie deciz fir-rigward tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet, din il-Qorti hi tal-fehma li jista' jkun hemm temperament ulterjuri fil-piena u li din tinghata fil-*minimum* taghha. Skond is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 11 tal-Kap. 9, fejn il-ligi ma tghidx espressament xort'ohra, il-*maximum* tal-multa huwa hames mitt lira u l-*minimum* ghaxar liri. Fil-kaz odjern ghalhekk, billi l-artikolu 35 tal-Kap. 399 ma jistipulax x'inhu l-*minimum* tal-multa, dan ghandu jitqies bhala li hu ta' ghaxar liri.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata u, filwaqt illi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel imputazzjoni, tirrevokaha in kwantu sabitu hati tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet u minflok, stante rinunzja tal-parti leza, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom, u tirrevokaha wkoll in kwantu kkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' ghoxrin liri maltin (Lm20) u minflok tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' ghaxar liri maltin (Lm10).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------